

Brussell, 28 ta' Awwissu 2024  
(OR. en)

11725/24

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2015/0188(NLE)

---

---

AVIATION 104  
RELEX 917  
ASIE 28

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	10846/24
Nru dok. Cion:	11791/15
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru <ul style="list-style-type: none"><li>• Qbil fil-prinċipju</li><li>• Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew</li></ul>

---

1. F'isem l-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni nneozjat Ftehim mal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu tal-Bangladesh dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim") taħt l-awtorizzazzjoni orizzontali, mogħtija mill-Kunsill fil-5 ta' Ġunju 2003, li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim fil-livell tal-Unjoni.
2. Fis-7 ta' Settembru 2015, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim<sup>1</sup>.
3. Fl-14 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim.

---

<sup>1</sup> ST 11854/15 u ST 11791/15.

4. Wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea u l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-referenzi għar-Renju Unit tneħħew mit-test tal-Ftehim qabel l-iffirmar tiegħu. Il-Bangladesh kien qabel mat-tneħħija ta' dawk ir-referenzi. Fit-18 ta' Settembru 2023, il-Kunsill ħa nota tal-intenzjoni li jiġi ppreżentat test għall-iffirmar li kien differenti mit-test approvat mill-Kunsill sa fejn kienu kkonċernati r-referenzi għar-Renju Unit<sup>2</sup>.
5. Il-Ftehim ġie ffirmat fis-7 ta' Ġunju 2024 u ġie ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*<sup>3</sup>.
6. Waqt vidjokonferenza informali tal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni fit-8 ta' Lulju 2024, id-delegazzjonijiet eżaminaw kompromess tal-Presidenza dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni dwar il-konklużjoni<sup>4</sup>. Id-delegazzjonijiet ma għamlux kummenti.
7. Bi tnejn għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, jaqbel fil-prinċipju dwar l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni, kif jinsab fid-dokument ST 10844/24 rivedut mill-ġuristi lingwisti, u jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

---

<sup>2</sup> ST 12856/23

<sup>3</sup> ĠU L, 2024/1698, 26.6.2024, u ĠU L, 2024/1699, 26.6.2024.

<sup>4</sup> ST 10846/24